32003R0335

22.2.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 49/3

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 335/2003

## tal-21 ta' Frar 2003

## jemenda Regolament (KE) Nru 2316/1999 sabiex iniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuħ tar-raba

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuħ tar-raba ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1038/2001 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2316/1999 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament(KE) Nru 327/2002 ([4]) iniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1251/1999 bir-rispett għall-kondizzjonijiet fejn żoni għall-ċerti uċuħ tar-raba jinagħtaw bil-pagamenti u jniżżel il-kondizzjonijiet għaż-żamma

(2) Taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 1017/94 ta' 26 t'April 1994 li jikkonċerna l-qalba minn art li taqa' taħt ucuħ tar-raba għall-biedja tal-bhejjem f'ammonti kbar fil-Portugal ([5]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2582/200 1 ([6]), daħlu applikazzjonijiet għall-qalba ta' wesgħat ekwivalenti għal 29572 ettari. Għaldaqstant il-bażi taż-żona għandha tkun irranġata skond il-każ.

(3) Għat-tweġib ta' l-applikazzjonijiet mill-Belġju, żoni b'bażijiet ġodda għandhom jiġu ffissati skond il-pjan reġjonalizzat ta' l-Istat Membru konċernat.

(4) L-Istati Membri nnotifikaw ir-riżultati ta' testijiet sabiex jiddeterminaw il-livelli ta' tetrahydrocannabinol fil-varjetajiet ta' qanneb miżrugħ fi 2002. Għandu jittieħed kont ta' dawk ir-riżultati meta tkun qed tinkiteb il-lista tal-varjetajiet ta' qanneb li fi snin tas-suq li ġejjin jikkwalifikaw għaż-żoni ta' pagament u l-lista ta' varjetajiet temporanjament aċċettati għal 2003/04, li jkunu jridu aktar eżamijiet matul dik is-sena tas-suq.

(5) Regolament (KE) Nru 2316/1999 għaldaqstant għandu jiġi emendat kif suppost.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Anness VI, id-dettalji mogħtija taħt it-testaturi "Belġju" u "Portugal" huma mibdula bid-dettalji mogħtija fl-Anness I t'hawnhekk;
2. l-Anness XII hu mibdul b'L-Anness II t'hawnhekk.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jkun gie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda jgħodd mis-sena tas-suq 2003/2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Frar 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 16.
([3]) ĠU L 280, tat-30.10.1999, p. 43.
([4]) ĠU L 51, tat-22.2.2002, p. 14.
([5]) ĠU L 112, tat-3.5.1994, p. 2.
([6]) ĠU L 345, tad-29.12.2001, p. 5.

*L-ANNESS I*

*"L-ANNESS VI*

*(1 000 ha)*

| Reġjun | Uċuħ tar-raba kollha | Ta' liema qamħirrum |
|---|---|---|
| Il-BELĠJU | | |
| Total | 489,5 | |
| li minnu: Flanders-Brussel | | 96,4 |
| IL- PORTUGAL | | |
| Azores | 9,7 | |
| Madeira | | |
| - Irrigated | 0,31 | 0,29 |
| - Oħrajn | 0,30 | |
| Massa ta' art | | |
| - Saqwi | 293,4 | 221,4 |
| - Oħrajn | 658,3" | |

*L-ANNESS II*

*"L-ANNESS XII*

(L-Artikolu 7a(1))

**VARJETAJIET TA' KITTIEN U QANNEB IMKABBAR GĦALL-FIBRA ELIĠIBBLI GĦALL-APPOĠĠ TAS-SISTEMA**

1. **Kittien imkabbar għall-fibrae**

Adélie
Agatha
Angelin
Argos
Ariane
Aurore
Belinka
Caesar Augustus
Diane
Diva
Electra
Elise
Escalina
Evelin
Exel
Hermes
Ilona
Laura
Liflax
Liviola
Marina
Marylin
Nike
Opaline
Rosalin
Venus
Veralin
Viking
Viola

2a. **Qanneb imkabbar għall-fibra**

Carmagnola
Beniko
Chamaeleon
Cs
Delta-Ilosa
Dioica 88
Epsilon 68
Fedora 17
Felina 32
Felina 34 - Félina 34
Ferimon - Férimon
Fibranova
Fibrimon 24
Futura 75
Juso 14
Red Petiole
Santhica 23
Uso 31

2b. **Qanneb awtorizzat imkabbar għall-fibra għas-sena tas-suq 2003/2004**

Delta 405
Bialobrzeskie
Fasamo
Fedora 19
Fédrina 74
Fibrimon 56
Futura
Santhica 27"